MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Numru. 1190/2007

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa]**

**vs**

**Anthony Edward Sultana**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Edward Sultana detentur tal-karta tal-identita` numru 302795(M).

Akkuzat talli:
F’dawn il-Gzejjer, fl-20 ta’ Gunju 2002 jew f’xi perjodu qabel, xjentament ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falza;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok, u cirkostanzi, xjentament ghamel uzu minn dikjarazzjoni jew certifikat falz;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok, u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex iggieghel lil dik il-persuna tesercita dik l-influwenza;
U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sew xjentament jew bi traskuragni, ghamel xi dikjarazzjoni falza f'xi partikolarita' sostanzjali f'xi prospett, talba jew dokument iehor li jkun mehtieg jew awtorizzat li jsir bl-Att dwar l-Awtorita' Marittima ta' Malta jew tahtu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll illi l-imputat ikun skwalifikat milli jkollu licenzja tal-bahar (*nautical license*) ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq.

Il-Qorti giet mitluba wkoll gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet finalment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali, sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat ix-xhieda kollha inkluzi dawk dokumentarji;

Rat illi l-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 184, 186, 188 u 121A(1) tal-Kap 9 u l-Artikolu 76 tal-Kap. 352 qeghda ssib lill-imputat Anthony Edward Sultana hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tilliberah bil-kunidizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum, kif ukoll tikkundannah multa ta' hames mitt Ewro (€500).
Inoltre, tordna wkoll s-sospensjoni tal-licenzja nawtika tal-imputat ghal sena minn meta jottjeni tali licenzja.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------